**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 27/2023**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**
**-Vs-**
***-Omissis-***
**AHMED MOHAMMED ABDULKADIR**

**Illum, 16 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra ***Omissis* u Ahmed Mohammed Abdulkadir**, ta' 41 sena, Mohammed u Hakima, imwieled fl-1 ta' Jannar 1982 ġewwa Somalia u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 30398A u mingħajr indirizz fiss, li ġew akkużati :-

1. Talli fl-10 ta’ Jannar 2023 għall-ħabta ta’ bejn il-04 :00 hrs u l-04 :30hrs ta’ filgħodu ġewwa Triq Diċembru Tlettax, Marsa u fl-akkwati tal-madwar ikkommettew serq ta' oggetti minn fuq il-persuna ta' Akhil George liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil- ħin u li sar għad-dannu tal-istess Akhil George u/jew ta ' xi persuna/i oħra u jew ta ' xi entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat u jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Akhil George kontra l-volonta ' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra u/jew biex jkun mġiegħel jaccetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjgu.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkagunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Akhil George liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Rebecca Fonk detentriċi ta' numru tar-reġistru mediku 3482 tal- Isptar Mater Dei.

   Lil Ahmed Mohammed Abdulkadir waħdu;

4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruħhu riċediv ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil- konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f' kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil- proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekuturi jaqraw l-akkużi u jikkonfermawhom bil-ġurament;

Semgħet lill-imputati waqt l-eżami jwieġbu li mhux ħatja tal-akkużi;

Rat illi *Omissis*, wara li fis-6 ta' Marzu 2024 irreġistra ammissjoni u ddikjara li huwa ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih, ġie kkundannat b'sentenza mogħtija fil-11 ta' Marzu 2024;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta' Ġunju 2024 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

Fl-artikoli 261(a)(f), 261(1)(a)(b)(2), 270, 274(ċ), 275, 277(a), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Fl-artikoli 86, 87(1)(ċ)(e), 88, 214, 215, 221(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Fl-artikoli 15A(1), 17, 18, 31, 49, 50, 289, 382A, 383, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412Ċ, 412D u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat Ahmed Mohammed Abdulkadir jiddikjara fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2024 li m'għandux oġġezzjoni il l-każ jiġi trattat bl-proċedura sommarja;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużi jikkonċernaw inċident vjolenti li seħħ fuq il-bus stop ġewwa Triq Diċembru Tlettax, fl-akkwati ta' Blata l-Bajda fis-sigħat bikrin ta' filgħodu fl-10 ta' Jannar 2023 meta Akhil George safa attakkat min-numru ta' persuni li mhux biss serqulu l-mobile phone li kellu fil-pussess tiegħu iżda wkoll sawtuh u weġġgħuh. L-aggressuri ħarbu minn fuq il-post iżda wħud minnhom ġew identifikati fil-filmati li ġew elevati minn diversi CCTV cameras fl-akkwati u l-imputat odjern ġie arrestat ftit ġranet wara fit-13 ta' Jannar 2023.

Akhil George, il-vittma, xehed illi meta wasal fuq l-istage ġewwa Blata l-Bajda biex jistenna tal-linja għall-ħabta tal-4:10 hrs, innota li kien hemm tliet persuni ta' karnaġġjon skur, wieħed kien mimdud fuq bank u t-tnejn l-oħra kienu bilqiegħda ħdejh. Ma kien hemm ħaddieħor fuq l-istage. Kif huwa mar ipoġġi fuq bank ieħor, wieħed minn dawn il-persuni avviċinah u staqsih biex juża l-mobile biex iċempel lil xi ħadd iżda hu qallu li ma kellux kreditu u l-persuna mar lura fejn kien. Imbagħad it-tnejn l-oħra ġew quddiemu u l-persuna li kienet mimduda fuq il-bank mar warajh u beda jagħtih b'martell fuq diversi partijiet ta' ġismu, inkluż fuq in-naħa ta' wara ta' għonqu fuq wara, idejh u saqajh, u mbagħad imbottawh fl-art, ħadulu l-mobile phone u ħarbu. Dan il-mobile phone kien tal-għamla Redmi, lewn il-fidda, u kellu għatu isewed,. Huwa ma kienx ċert jekk l-imputat kienx wieħed mill-persuni li aggredewh iżda jaħseb li kien fuq il-post. B'riżultat tal-feriti li ġarrab, il-vittma sostna li sa ħmistax wara l-inċident kien għadu qed jieħu l-medicina għal saqajh u kien għadu ma jistax jiekol normali.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tibda biex tosserva li b'mod ġenerali, għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat, bejn l-imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dal l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja, tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant ċertezza assoluta dwar il-ħtija, u dan għaliex huwa diffiċli li jintlaħaq dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex tista' tinsab fl-akkużat il-ħtija għal reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess u, abbażi ta' dawn il-provi, jispetta lill-Qorti tuża d-diskrezzjoni tagħha biex twieżen il-provi u tevalwa l-kredibbilita` tax-xhieda biex tara lil min għandha temmen u ma temminx. Għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

Ingħad illi:-

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[1]

Il-Prosekuzzjoni tibbaża l-każ kontra l-imputat odjern fuq l-identifikazzjoni tiegħu kif jirriżulta minn sensiela ta' filmati li ġew elevati mill-Pulizija fl-akkwati tad-delitt, bħala wieħed mill-persuni ta' karnaġġjon skur li minnufih wara l-kommissjoni tad-delitt deher fil-filmati jaħrab minn fuq il-post fejn ġie aggredit u misruq Akhil George. Il-Prosekuzzjoni tisħaq illi l-imputat jidher - flimkien ma' persuni oħrajn - fis-sensiela tal-filmati elevati minn numru ta' CCTV cameras fl-akkwati tad-delitt u iktar 'il bogħod. Għalkemm huwa konċess illi l-kommissjoni tad-delitt innifsu ma nqabdet minn ebda CCTV camera, għaliex dan kien seħħ ftit metri 'l barra mill-viżwali tal-camera l-iktar fil-qrib, il-movimenti ta' erba' persuni ta' karnaġġjon skur, fosthom l-imputat u *Omissis*, inqabdu u ġew segwiti mill-imsemmija filmati sija minnufih wara l-kommissjoni tad-delitt jiġri mid-direzzjoni tal-pont ta' Blata l-Bajda, u sija wkoll fil-minuti u s-sigħat ta' wara, sakemm il-grupp ta' persuni waslu fi Triq it-Tiġrija, Marsa fejn hemmhekk jidhru jbiegħu mobile lil persuna oħra ta' karnaġġjon skur ġewwa l-ħanut bl-isem Sudanese Shop. Ukoll, ġie sottomess illi wiċċ l-imputat jidher ċar ħafna fil-filmati elevati minn CCTV cameras fid-diversi toroq li qabdu l-aggressuri anke wara li telqu mill-imsemmi ħanut, u li meta ġie arrestat kien liebes l-istess ħwejjeġ li deher li kien liebes fil-filmati msemmija.

---

[1] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

Illi l-imputat, Ahmed Mohammed Abdulkadir, ma jikkontestax li huwa ħarab minn fuq il-post ma' tliet persuni oħra ta' nazzjonalita' Somala. Fil-fatt, waqt l-interrogazzjoni fit-13 ta' Jannar 2023, stqarr illi tliet ijiem qabel kien rieqed fuq bank fil-bus stop taħt il-pont ġewwa Blata l-Bajda, meta sema' l-għajjat u qam. Qal illi ra lil tliet persuni Somali jiġġieldu ma' xi ħaddieħor li deher li kien ta' nazzjonalita' Indjana, iżda ma ra lil ħadd jagħti xi daqqiet lill-Indjan. Imbagħad ra lit-tliet persuni Afrikani jitilqu jiġru minn fuq il-post u hu telaq jiġri magħhom għaliex kienu minn pajjiżu. Kompla jistqarr illi kienu marru lkoll, l-erba' li huma, fis-Sudanese Shop f'Triq it-Tiġrija u biex waslu hemmhekk kien qasam fuq l-Orange Bridge u mbagħad kien reġa' qasam fuq dan l-istess pont billi tela' t-taraġ, mhux uża l-lift, u reġa' mar fil-ġnien. Innega li kien seraq il-mobile phone tal-vittma u ċaħad ukoll li kien aggredixxa lill-vittma.

Għall-Qorti, din l-istqarrija tal-imputat tpoġġih indiskutibbilment fuq il-post tad-delitt fil-ħin tad-delitt u tistabbilixxi wkoll konnessjoni kontinwa u mhux interrotta bejnu u l-aġenti l-oħra tad-delitt mil-lok tad-delitt sal-lok fejn inbiegħ il-mobile phone li nsteraq mingħand il-vittma, kif ukoll wara.

Bla tlaqliq tgħid illi r-raġuni li pprovda l-imputat meta ġie mistoqsi l-għala ħarab minn fuq il-post mal-aggressuri meta skont hu ma kienx involut fis-serqa u ma kienx agredixxa lill-vittma, bħala kompletament fjakka u nieqsa minn kull xejra ta' kredibbilita'. Anke kieku tassew l-imputat ħarab mal-aggressuri għaliex kienu minn pajjiżu jew għaliex beża' li seta' jitqies bħala wieħed mill-aggressuri kieku baqa' fuq il-post, il-fatt jibqa' li huwa ħarab ma' persuni li kienu kkommettwew delitt. Wara kollox, kif stqarr hu stess, kien rahom jagħtu daqqiet lil persuna oħra ta' nazzjonalita' Indjana. Iktar minn hekk, jirriżulta mill-filmati illi huwa baqa' miexi magħhom fl-istess grupp għal distanza u ħin konsiderevoli, anke sakemm waslu f'ħanut fejn il-mobile phone tal-vittma inbiegħ lil terzi. Fuq kollox il-fatt illi Akhil George, il-vittma, xehed illi l-persuni li attakkawh kienu diġa' flimkien fuq l-istess bank fil-bus stop meta niżel mit-taxi, tant illi wieħed minnhom kien mimdud fuq bank u tnejn oħra kienu bil-qiegħda ħdejh fuq l-istess bank.

Dan kollu jirriżulta mix-xhieda ta' PC 1087 Roderick Degiorgio li xehed illi kien nissel hu stess il-filmati minn diversi CCTV cameras fi stabbilimenti varji u kien ukoll ħejja timeline (Dok. RD1), esebit fl-atti proċesswali. Xehed illi kien hemm diversi cameras fl-akkwati, u waħda minnhom kienet qabdet wieħed mill-aggressuri sejjer fuq il-post u oħra li kienet qabdet lill-erba' persuni suspettati li kienu l-aggressuri, jiġru fid-direzzjoni tal-ġnien ħdejn Spencer Hill. Spjega li l-aggressuri, li baqgħu l-ħin kollu flimkien ġo grupp mexjin wara xulxin, inqabdu minn diversi cameras sekwenzjalment, b'mod li l-movimenti tagħhom setgħu jiġu osservati b'mod kontinwu minn camera għal oħra u b'hekk ġew identifikati wkoll mingħajr diffikolta' t-toroq li qabdu u destinazzjoni finali tagħhom. Fil-fatt, dawn l-erba' persuni nqabdu minn camera ġewwa l-ħanut Sudanese Shop ġewwa Triq it-Tiġrija, il-Marsa, fejn dehru li qed jipprovaw ibiegħu mobile phone li jidher ċar li huwa tal-għamla Redmi tal-kulur griż b'cover iswed, simili għal dak li kien ġie misruq mill-vittma. In segwitu għall-bejgħ tal-mobile phone lil persuna oħra ta' karnaġġjon skur, l-erba' persuni telqu minn Sudanese Shop u telgħu fuq il-pont magħruf bħala 'Orange Bridge' li jaqsam il-Marsa/Hamrun By-pass fejn inqabdu mill-camera istallata fuq l-istess pont[2].

In tema tal-ammissibbilita' u valur probatorju ta' immaġini fuq *video footage* elevat minn CCTV cameras fost mezzi oħrajn, il-Blackstone jgħid hekk:-

*"… a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken by a security camera during an armed robbery ( Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident ( Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action' (Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479).*" [3]

---

[2] Ara wkoll paġna 20 u paġna 21 ta' Dok. RD1.
[3] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, id-difiża ma qajmet ebda eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-filmati esebiti, u l-Qorti ma għandha l-ebda riżerva dwar l-ammissibbilita' ta' dawn id-dokumenti anke għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-filmati eżebiti fl-atti proċesswali m'humiex dawk oriġinarjament reġistrati, mhux awtentiċi jew ġew sottopposti għal xi manipulazzjoni. Fil-fatt, xejn minn dan ma ħareġ mill-espletazzjoni tal-inkarigu tal-espert ġudizzjarju li ġie maħtur biex jeżamina l-filmati elevati mill-uffiċjali tal-Pulizija u li abbażi tagħhom ġie mħejji t-time-line fir-rapport Dok. RD1.

PC 1087 Roderick Degiorgio ikkonferma wkoll fix-xhieda tiegħu illi fit-13 ta' Jannar 2023 waqt li kien fil-ħanut Sudanese Shop qed iniżżel il-filmati mill-camera, ra wieħed mill-aggressuri li kien deher fil-filmati li kien ittieħed minn camera mhux 'il bogħod mil-lok tad-delitt, li kienu juru l-allegat aggressuri jaħarbu minn fuq il-lok tad-delitt ftit sekondi biss wara li kien sar id-delitt. Din il-persuna, li talbitu għal sigarett, huwa identifikaha bħala l-imputat odjern Ahmed Mohammed Abdulkadir għaliex kien liebes l-istess ħwejjeġ li kien deher liebes fil-filmati[4], ċioe' ġakketta skura u barnuża. Huwa kien għarfu wkoll minn wiċċu għaliex kien ħareġ fotogramm minn wieħed mill-filmati fejn wiċċu deher ċar u għalhekk kien arrestah.

Dawn il-ħwejjeġ, ċioe' l-ġakketta sewda, il-barnuża griż fiċ-ċelesti u qalziet skur, ġew esebiti materjalment (Dok. RD4) u l-Qorti, li fetħet l-evidence bag siġillata kontententi dawn l-istess ħwejjeġ (KA 369/2023), setgħet tikkostata hi stess *di visu* illi tassew dawn jixbħu ħafna l-ħwejjeġ li jidher liebes il-persuna li tidher fir-ritratti f'paġna 22 tar-rapport Dok. RD1 u, kif jirriżulta mix-xhieda ta' PC 1087 Roderick Degiorgio u kif kostatat ukoll mill-Qorti nnifisha, li kienet waħda mill-erba' persuni li mix-xena tad-delitt ġiet segwita kontinwament fil-filmati anke sakemm dehret tiela' fuq l-Orange Bridge.

---

[4] Ara ritratt paġna 22 ta' Dok. RD1, isfel. Ir-ritratt ta' fuq fl-istess paġna, fuq in-naħa tal-lemin, juri lil wieħed mill-aggressuri fl-04:17hr, inqas minn żewġ minuti wara l-ħin tad-delitt li, mill-filmati imnisslin mill-camera fuq il-pont ġewwa Triq Diċembru 13, Blata l-Bajda, jirriżulta li seħħ fil-minuti u sekondi qabel l-04:16hrs. Ir-ritratt ta' fuq, xellug, huwa still meħud mill-camera fuq Orange Bridge, fl-10 ta' Jannar 2023 fis-06:28h, fejn jidher persuna liebsa l-istess ħwejjeġ li kien liebes l-imputat meta ġie arrestat.

PS 1255 Christian Abela ukoll għaraf lill-imputat Ahmed Mohammed Abdulkadir bħala wieħed mill-persuni li dehru fil-filmati fil-grupp ta' erba' persuni li telqu jiġru mil-lok ta' fejn seħħ id-delitt, ħdejn l-istage, sal-ħanut Sudanese Shop ġewwa Triq it-Tiġrija, Marsa fejn kien ibiegħ lil terzi l-mobile phone tal-vittma.

Il-Qorti m'hijiex sejra twarrab din l-identifikazzjoni tal-imputat li saret minn żewġ uffiċjali tal-Pulizija, anke jekk l-identifikazzjoni saret minn fuq filmat u mhux *viva voce*, għaliex ġie diversi drabi rikonoxxut il-valur probatorju ta' identifikazzjoni bħal dik.

Blackstone, f'Criminal Practice (2012 Ed.), jgħid hekk fir-rigward: -

*"... police officers who view CCTV footage to see if they might recognise a person are not in the same position as a witness asked to identify someone seen committing a crime (Smith [2008] EWCA Crim 1342; Chaney [2009] EWCA Crim 21; Moss [2011] EWCA Crim 252 ...)."*

Dan għaliex:-

"*Where the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible .... Much will depend on the circumstances of the recognition; if it is followed by an immediate arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition being ruled as inadmissible*"[5].

---

[5] R. vs. Caldwell and Dixon, ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri.**

Fil-kawza **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ jispjega ulterjorment:-

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"*[6].

Fuq kollox u magħdud ma' dan kollu hemm il-fatt illi l-imputat Abdulkadir innifsu stqarr mal-Pulizija illi wara li mar fil-ħanut Sudanese Shop, kien tela' fuq l-Orange Bridge fejn fil-filmat relevanti (kif ukoll fil-fotogrammi relattivi), wiċċu u kif ukoll il-ħwejjeġ li kien liebes, jidhru b'mod ċar. Il-Qorti rat dawn il-filmati hija stess u setgħet tagħraf lill-imputat – persuna li ilha kważi sena tarah quddiemha b'mod regolari f'kull seduta għas-smigħ tal-kawża – fil-filmat 'Orange Bridge'[7] u fil-fotogramm relattiv 'Still No: Pg20 Img 2' maħruġ mill-espert ġudizzjarju bħala parti mir-relazzjoni tiegħu[8].

Ikkunsidrat;

Illi b'żieda ma' dawn il-provi kollha indizzjarji li jippontaw univokalment lejn is-sehem tal-imputat odjern Ahmed Mohammed Abdulkadir fis-serq vjolenti kommess għad-dannu ta' Akhil George, il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil Mohammed Afi Abdiwali, wieħed mill-kompliċi fl-istess delitt li kien ko-akkużat fil-proċeduri odjerni iżda fuq ammissjoni kien ġie kkundannat b'sentenza tal-11 ta' Marzu 2024.

---

[6] Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.
[7] Dok. RD2.
[8] Ara paġna 316 tal-atti tal-kompilazzjoni.

Mohammed Afi Abdiwali xehed illi dakinhar tad-delitt huwa kien flimkien ma' tliet persuni oħrajn, fosthom l-imputat odjern Mohammed Ahmed Abdulkadir. Kienu ġewwa Blata l-Bajda ħdejn il-pont u għall-ħabta tal-4.00 a.m. raw persuna li niżlet minn taxi waħedha fuq il-bus stop. Meta raw li dan ir-raġel kellu mobile, huma ftiehmu li jmorru jkellmuh u jeħdulu l-mobile biex ibigħuh. Ix-xhud indika lill-imputat Ahmed Mohammed Abdulkadir bħala l-persuna li żammet lill-vittma filwaqt li l-oħrajn ħadulu l-mobile u telqu jiġru fid-direzzjoni tal-Marsa u minn hemmhekk baqgħu sejrin il-Marsa Open Centre u mbagħad lejn il-Marsa car park. Ippreċiża illi huma kienu ħadu l-mobile mingħand il-vittma bl-użu tal-forza iżda insista illi kienu użaw idejhom biss biex sawtuh. Irnexxielhom ibigħu l-mobile għall-prezz ta' €50 u l-erbgħa li huma ħadu €10 kull wieħed filwaqt li bil-bqija xtraw sigaretti għalihom.

Illi m'hemmx dubju li Mohammed Afi Abdiwali, meta xehed quddiem il-Qorti, kien xhud kompetenti u ma kellux jitqies aktar bħala ko-akkużat flimkien mal-imputat odjern, billi mhux kontestat mill-imputat illi l-proċeduri fil-konfront tal-kompliċi kienu għaddew in ġudikat.

Dwar il-valur probatorju tax-xhieda ta' kompliċi, issir referenza għall-artikolu 639 (3) tal-Kodiċi Kriminali, li jiddisponi:

*(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b' kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkużat.*

Illi indubbjament l-istess pożizzjoni tgħodd wkoll quddiem din il-Qorti wara li l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi aġġudikat minnha taħt l-artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 u l-istess imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja. Dan fis-sens li l-korroborazzjoni tax-xhieda tal-kompliċi mhix meħtieġa aktar wara l-introduzzjoni tal-emendi li saru bl-Att XVI tal-2006, iżda l-ġudikant xorta waħda jrid jipproċedi b'dik il-kawtela li l-każ ikun

jirrikjedi qabel ma jiġi biex jistrieħ fuq xhieda bħal din biex isejjes sejbien ta' ħtija kriminali.

Il-ħsieb tal-leġislatur fir-rigward, bla dubju, jintrabat mal-fatt li l-kompliċi jkollu interess aktar minn ħaddieħor li jfarfar il-ħtija minn fuq spallejh, bil-possibbli tentazzjoni li jesaġera jew jiffrabbrika evidenza biex ikabbar il-ħtija ta' ħaddiehor u jnaqqas tiegħu. Dan ma jfissirx li l-Qorti ma għandhiex temmen lil din ix-xhieda fin-nuqqas ta' korroborazzjoni minn xhud ieħor. Għall-kuntrarju, xejn ma jżomm lill-Qorti milli toqgħod fuqha u temminha kif ukoll li ssib ħtija fuqha u fuqha biss, anke mingħajr provi oħra, purche' x-xhieda tiġi eżaminata b'kawtela. Għalhekk, jekk m'hemm ebda raġuni kwalsiasi għaliex ix-xhud kompliċi ma għandux jitwemmen wara li jkun ġie evalwat il-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda u l-konsistenza tal-verzjoni tiegħu ma' verzjonijiet preċedenti tiegħu u provi oħrajn fl-atti proċesswali, ix-xhieda tiegħu ma tistax titwarrab sempliċement għaliex hija x-xhieda ta' kompliċi.

Dan għaliex:-

"*Din hija xhieda permessa bil-ligi, u sta ghall-Qorti li qed tisma' l-kaz li tqis din ix-xhieda fil-kuntest tal-kaz li tkun qed tittratta. Din il-Qorti ma tarax li, bil-fatt biss, li xhieda ta' komplici hija permessa qed jinkiser id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq. Komplici hija persuna li tista' titressaq bhala xhud bhal kull persuna ohra, basta, ovvjament, li l-akkuzat ikollu l-istess possibilita' ta' kontroll jew kontestazzjoni tal-persuna, kif ghandu f'kaz ta' kwalunkwe xhud iehor. Il-ligi trid, fl-artikolu 639(3), li jekk il-kaz kontra akkuzat tkun bazata biss fuq xhieda ta' komplici, min ikun irid jiddeciedi fuq il-htija, iqis dik ix-xhieda b'certa kawtela .... Ma jistax, pero', jinghad li xhieda ta' komplici hija, a priori, mhux permessibbli. Dik hija testimonjanza ta' persuna li, minhabba l-istat taghha ta' komplici, tkun, forsi, taf l-aktar fuq il-kaz, u ma ghandhiex tigi eskluza minhabba f'hekk. Il-principju ta' "equality of arms", ma jkunx gie mittiefes bil-fatt li tali xhieda tkun permessibbli, ghax dan ix-xhud huwa suggett ghall-iskrutinju miz-zewg nahat kif isir fil-kaz ta' kull xhud iehor. Il-kaz li x-xhieda ta'*

*komplici tista' tkun "tainted" minhabba varji cirkostanzi, tista' tinghad fil-konfront ta' kull xhud, u l-Qorti li quddiemha jkun ghaddej il-kaz, hija zgur kompetenti biex tevalwa x-xhieda, tqis l-affidabilita' tax-xhud, u tikkunsidra dik il-prova fid-dawl tal-provi l-ohra tal-kaz."*[9]

Fil-każ in diżamina, id-difiża għażlet li ma tikkontradixxix ix-xhieda tal-kompliċi b'domandi in kontro-eżami iżda saħqet fit-trattazzjoni li x-xhieda tiegħu għandha tittieħed b'kawtela kbira u l-Qorti ma tistax tistrieħ unikament fuq il-verżjoni tiegħu, verżjoni li ġie sottomess ma ġietx sorretta mill-provi proċesswali.

Madanakollu, il-Qorti tosserva illi l-verżjoni ta' Mohammed Afi Abdiwali dwar is-sehem tal-imputat odjern fid-delitt bħala l-persuna li żamm il-vittma filwaqt li l-aggressuri l-oħrajn ħadulu l-mobile phone minn idejh, mhux biss tkompli tafferma r-riżultanzi tal-evidenza ċirkostanzjali qawwija fir-rigward, inkluż ir-riżultanzi tal-filmati meħudin minn diversi CCTV cameras, talli hija wkoll, u fuq kollox, kompatibbli mal-verżjoni tal-istess vittma, Akhil George, fil-parti fejn xehed illi l-persuna li kienet mimduda fuq il-bank meta wasal ħdejn l-istage, kienet il-persuna li in segwitu mar warajh u beda jagħtih diversi daqqiet fuq ġismu b'oġġett iebes.

Huwa minnu li x-xhieda tal-kompliċi għandha tiġi meqjusa b'kawtela u min għandu jiġġudika l-fatti għandu jevalwa x-xhieda iżda l-verżjoni ta' Mohammed Afi Abdilwali ma ġietx kuntrastata b'xi provi kuntrarji u ma jirriżulta minn imkien li huwa kien qed jaġixxi minħabba motivi ulterjuri u speċifikatament, biex jingħoġob mal-Prosekuzzjoni jew jikseb xi vantaġġ għalih. Fil-fatt, huwa ġie kkundannat tliet snin priġunerija għar-rwol tiegħu fid-delitt u ma jirriżulta minn imkien mill-provi proċesswali li huwa bbenefika f'xi temperament fil-piena b'riżultat ta' xi patteġġjament formali mal-Prosekuzzjoni bil-għan li jagħti x-xhieda tiegħu f'proċeduri kontra l-ko-akkużat tiegħu, l-imputat odjern. Kollox magħdud, il-Qorti ma riskontrat ebda ħjiel, suspett jew indizzju li Mohammed Afi Abdiwali ma kienx

---

[9] Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonal) – **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri**, deċiża 25/05/2012 (ref.66/2011)

qed jgħid il-verita' u jew li kien motivat b'malizzja meta xehed kontra l-imputat odjern f'dan 8id-delitt u billi x-xhieda tiegħu hija kompatibbli wkoll mar-riżultanzi tal-filmati u x-xhieda tal-vittma, il-Qorti teskludi b'mod assolut li Mohammed Afi Abdiwali kien qed jivvinta jew jiffabbrika l-involviment tal-imputat odjern f'dan id-delitt.

Għaldaqstant, il-Qorti hija pjenament sodisfatta bil-prova tal-parteċipazzjoni attiva u materjali tal-imputat odjern fid-delitti li ġew kommessi fil-konfront ta' Akhil George fl-10 ta' Jannar 2023.

Ikkunsidrt;

Illi in kwantu għar-reat ta' serq id-difiża argomentat illi ma jistax jinstab ħtija għar-reat ta' serq ta' oġġett mingħand persuna li mhuwiex is-sid tal-oġġett derubat. Iżda fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi n-numru tas-SIM tal-mobile phone li nsteraq mill-imputat u l-persuni l-oħrajn li attakkaw lil Akhil George, seta' ma kienx reġistrat f'isem l-istess derubat, huwa immaterjali. Fir-rigward, issir riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Diċembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) v. Sergio Agius**[10] fejn ingħad hekk:-

*"In propositu, jinsab ritenut mill-Antolisei illi l-parti leza tar-reat ta' serq mhux dejjem ikun il-proprjetarju tal-oggett misruq li huwa, ghaliex il-vera vittma fil-fatt huwa min jippossjedi il-haga misruqa, u dan jista' jkun xi haddiehor u mhux necessarjament is-sid. Fir-rigward inghad illi:-*

*'... l'oggetto specifico della tutela penale nel furto e` il possesso e non gia` la proprieta`. A riprova di cio`, la giurisprudenza ha indivduato il soggetto passivo del reato in esame, non nel proprietario ma nel possessore che, oltre al potere di fatto sulla cosa, abbia la coscienza e volonta` di detenere l'oggetto materiale.'"*[11]

---

[10] Konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tas-17 ta' Settembru 2019.
[11] Diritto Penale – L. Delpino, XI Edizione (1996).

Fil-każ in diżamina jirriżulta illi Akhil George kellu fil-pussess tiegħu mobile phone fil-ħin tal-kommissjoni tad-delitt, liema mobile phone ittieħed mill-pussess tiegħu evidentement kontra l-volonta' tiegħu. Applikat l-insenjament fuq riportat hija l-fehm tal-Qorti illi l-fatt li Akhil George kien il-pussessur tal-mobile phone fil-waqt tat-teħid vjolenti tal-istess oġġett huwa biżżejjed biex jiġi ravviżat mhux biss l-element tal-kontrettazzjoni iżda wkoll l-interess neċessarju fl-istess Akhil George biex jitqies bħala d-derubat.

L-imputat huwa mixli b'serq aggravat bil-vjolenza kif ukoll bil-ħin. Il-kwalifika tal-ħin hija ppruvata għaliex huwa stabbilit li Akhil George ġie misruq għall-ħabta tal-4.00 a.m u ċioe' bil-lejl, bejn l-inżul u t-tlugħ tax-xemx, filwaqt li l-kwalifika tal-vjolenza hija wkoll ippruvata għaliex hemm evidenza skjaċċanti fil-proċess illi Akhil George ġie aggredit u ġarrab offiżi fuq il-persuna tiegħu waqt il-kommissjoni tar-reat ta' serq u konsegwentement billi l-att ta' vjolenza sar fil-waqt tas-serq biex ikun jisa jiġi kkonsmat l-istess delitt, huma riskontrabbli wkoll id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) tal-artikolu 262(1)(a) u (2) tal-Kodiċi Kriminali.

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għan-natura tal-offiżi li ġarrab il-vittma b'riżultat tad-delitt, jirriżulta mix-xhieda ta' Dr. Rebecca Fonk, li kienet it-tabib li eżaminat lil George Akhil fl-10 ta' Jannar 2023 meta ttieħed fid-dipartiment tal-emerġenza tal-Isptar Mater Dei wara l-inċident, illi l-pazzjent kellu tbenġil u nefħa f'idu l-leminija[12], tbenġil u nefħa fl-irkoppa tal-lemin u tbenġil wara widnejh tax-xellug kif ukoll demm fil-parti esterna tal-istess widna. Ikkonfermat illi mit-testijiet li sarulu dak il-ħin, ma jirriżultax li kellu xi ksur fl-għadam ta' wiċċu, idejh u l-irkoppa u ma ġew riskontrati lanqas ebda kumplikazzjonijiet fil-moħħ. L-espert mediko-legali ġudizzjarju, Dr. Edward Cherubino, li kien eżamina lill-vittma fl-24 ta' Frar 2023, ikkostata illi l-offiżi li ġarrab huma ta' natura ħafifa.

[12] Ara ċertifikat mediku Dok. SG6.

Fil-każ in diżamina, l-Ispettur Lydon Zammit xehed illi r-ritratti tal-vittma, Akhil George (Dok. LZ1 u Dok. LZ2), li juru l-ġrieħi li sofra dakinhar tal-inċident, ittieħdu fil-vann tal-Pulizija fid-Depot għaliex il-vittma ma setax jitla' fl-uffiċini tiegħu minħabba l-ferita li kellu f'sieqy. Il-Qorti fehmet illi d-dmija li tidher f'wiċċ il-vittma, miksija bid-demm, hija r-riżultat tal-ferita li ġarrab fil-parti esterna ta' waħda mill-widnejn. Fil-fehma tal-Qorti, il-widna esterna tifforma parti integrali tal-wiċċ u għalhekk il-ferita li ġarrab f'din il-parti mill-widna, li hija manifesta u tidher mingħajr ebda sforz ta' osservazzjoni u fuq kollox ġiet ċertifikata mit-tabib li invistatu dakinhar tal-inċident - tiffigura bħala sfreġju kif maħsub fil-paragrafu (b) tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9.

Magħdud dan l-isfreġju li jidher fl-id il-leminija tal-istess vittma: il-Qorti tosserva illi fir-ritratt t'isfel f'Dok. LZ2, jidher it-tbenġil, nefħa u demm fl-id imsemmija, liema feriti ġew deskritti wkoll minn Dr. Rebecca Fonk fix-xhieda tagħha. PC 1529 Malcolm Briffa ukoll xehed li ra d-demm fuq id il-vittma.

Il-liġi trid illi l-offiża li timmanifesta ruħha fi sfreġju – ossia peġġorament jew tkerrih viżibbli - tal-wiċċ jew il-partijiet l-oħra tal-ġisem imsemmija fil-paragrafu (b) tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9, titqies bħala offiża ta' natura gravi. Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala sfreġju għall-fini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[13] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tkun gravi jew permanenti iżda biss li tkun hekk viżibbli, mingħajr kwalifiki ta' żmien. Ukoll, il-liġi ma tikkwalifikax l-isfreġju, biex jirrientra fil-parametri tal-imsemmi artikolu 216(1)(b), bħala taħsir tad-dehra li jkun gravi, jew bħala ferita li teħtieġ il-punti jew li jinvolvi ksur jew frattura ta' xi għadma. Għalhekk kollox jiddependi mill-pożizzjoni tal-ħsara u l-fatt li din hija viżibbli: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari għaliex dak li hu importanti hu li l-ħsara li tkun ġiet imġarrba tirrientra fit-tifsira ta' "*sfreġju*" u li tkun ġiet ikkaġunata fil-wiċċ, fl-għonq jew

[13] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.

f'waħda mill-idejn tal-vittma. Kif rajna, dak li jgħodd għall-isfreġju taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 huwa t-tkerrih viżibbli (anke temporanju) tad-dehra tal-wiċċ, għonq jew id tal-vittma.

Għaldaqstant, wara li kkunsidrat li huwa ovvju li Akhil George ġarrab feriti li wasslu għal ċertu qies ta' deterjorament fid-dehra ta' idu kif ukoll ta' wiċċu, liema feriti kienu viżibbli u evidenti talanqas fil-ġurnata tad-delitt, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imsemmija offiżi huma ta' natura gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

**Madanakollu, billi l-imputat ġie mixli biss bir-reat minuri taħt l-artikolu 221 tal-Kap. 9 u mhux bir-reat taħt l-artikolu 216 tal-istess Kap. 9, u tabilħaqq l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju wkoll indika r-reat taħt l-artikolu 221 tal-Kap. 9, il-Qorti ma tistax issibu ħati tar-reat l-iktar gravi.**

Għalkemm l-Avukat Ġenerali indika wkoll li għandha tinstab ħtija taħt l-artikolu 221(2) tal-Kap. 9, il-Qorti ma tqisx li ma ġiex ippruvat li l-offiżi li ġarrab Akhil George ġew ikkaġunati b'wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew inigżeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korroživ.

Iżda huwa ppruvat illi l-imputat, bħala wieħed mill-persuni li aggredew lil Akhil George bl-iskop li jinsteraqlu l-mobile phone li kien fil-pussess tiegħu, għandu jinsab ħati tar-reat taħt l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9. Kif rajna diġa', filwaqt li l-vittma nnifsu xehed li kienet il-persuna li qabel kienet mimduda fuq il-bank li mar warajh u beda jagħtih id-daqqiet fuq rasu u partijiet oħrajn ta' ġismu, l-imputat innifsu stqarr lill-Pulizija li meta seħħ l-attakk kien rieqed fuq il-bank ħdejn il-bus stop. Anke jekk għal mument wieħed kellu jaċċetta li mhux ippruvat kif imiss li kien hu l-awtur tad-daqqa jew id-daqqiet li kkaġunaw l-offiżi, huwa ppruvat li l-imputat kien parti mill-grupp ta' persuni li attakkaw lil Akhil George u li telaq jiġri minn fuq il-post flimkien magħhom.

Kif ġie ritenut fis-sentenza riċenti mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tano Farrugia et:-**

*"Illi finalment anke jekk għal grazzja tal-argument il-Qorti kellha tqis illi ma kienx l-appellant, il-malvivent li fiżikament ikkaġuna l-ġrieħi fuq il-vittma, madanakollu bil-presenza tieghu fuq ix-xena tar-reat, li tirriżulta ippruvata, u allura bil-kompartecipazzjoni tieghu fil-hold up fuq l-anzjan Mangion temerġi l-figura tal-ko-awtur fil-kummissjoni tar-reat biex b'hekk il-ħtija tissussiti xorta waħda, bl-appellant allura jkun soġġett għall-istess piena daqs il-ko-awturi tiegħu."*

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bir-reat taħt l-artikoli 86 u 87 tal-Kodiċi Kriminali,talli arresta, żamm jew issekwestra lil Akhil George kontra l-volonta' tiegħu bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew biex jiġi mġiegħel jaċċetta trasferiment ta' ħwejġu.

Il-Qorti madankollu ma taqbilx li fil-provi proċesswali hemm biżżejjed evidenza għall-prova skont il-ligi tar-reat ta' arrest jew sekwestru kontra l-liġi. Filwaqt li huwa minnu illi Mohammed Afi Abdiwali, il-kompliċi, xehed illi l-imputat kien il-persuna li żamm lill-vittma sakemm hu u l-oħrajn ħatfulu l-mobile phone, ma jirriżultax sodisfaċjentement illi bl-azzjonijiet tal-imputat, anke flimkien mal-kompliċi oħrajn, il-vittma kien miżmum b'mod li ma setax jitlaq.

L-artikolu 86 tal-Kap. 9 jiddisponi illi huwa ħati ta' reat:-

"*Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, ubarra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat lijarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew is-sekwestrata ...*"

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo[14] fir-rigward tal-elementi materjali tar-reat taħt l-artik

"*the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*"

Għandu jingħad illi kif jirriżulta mill-bran su-ċitat, wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat taħt l-art. (illum) 605 (qabel l-art. 169) tal-Codice penale Taljana li jipotetizza r-reat tas-sekwestru tal-persuna, hi *la privazione di liberta'*. Għalkemm dan l-element m'huwiex imsemmi espressament fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali, il-figura ġuridika tas-sekwestru kif imfisser fil-ġurisprudenza Taljana jibqa' indubbjament rilevanti għall-fini tal-interpretazzjoni tal-element materjali tas-sekwestru tal-persuna fl-imsemmi artikolu 86 tal-Kap. 9

Dan l-element ġie imfisser hekk mill-Corte di Cassazione tal-Italja:

"*Per la realizzazione del reato di sequestro di persona, non occorre che la privazione della libertà sia attuata in modo da rendere assolutamente impossibile il recupero della libertà della vittima mediante autoliberazione: è sufficiente invero, che il soggetto passivo, non possa, anche in considerazione delle sue limitate capacità di reazione, superare con immediatezza, da sé medesimo, l'ostacolo posto alla sua libertà di movimento*".[15]

[14] Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40].
[15] Sezione II della Suprema Corte, con sentenza numero 3979 datata 20 marzo 1989.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ odjern, il-Qorti ma tqisx illi ġie ppruvat sal-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali illi l-vittma kien sekwestrat jew detenut mill-imputat u jew minn xi ħadd mill-kompliċi l-oħrajn, b'mod li kien ipprivat mill-moviment ħieles tiegħu, u wara li fliet ix-xhieda m'hijiex konvinta illi jekk il-vittma kien tassew miżmum waqt li kien qed jinħataflu l-mobile phone mill-pussess tiegħu, kif xehed il-kompliċi, dan seħħ b'mod li nżamm milli jitlaq minn fuq il-post minħabba xi azzjoni jew egħmil tal-imputat jew tal-aġenti l-oħra tar-reat. Ħadd, wisq inqas il-vittma, ma xehed illi huwa kien imġiegħel b'xi mod li jibqa' fl-istess post jew ma jillargax mill-istess post għal xi ħin materjali.

Għaldaqstant, l-imputat mhux ser jinsab ħati tar-reat taħt l-artikolu 86 u naturalment, lanqas fil-forma aggravata tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli wkoll bħala reċidiv taħt l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Jinsab ippruvat sodisfaċjentement mill-kopji awtentikati tas-segwenti sentenzi li ġew esebiti fl-atti bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur, debitament ittimbrati u ffirmati mid-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogat is-sentenzi rispettivi:-

- Sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Frar 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Joseph Scerri) v. Abdulkadir Ahmed Mohammed et**, fejn wieħed mill-ħatjai, Abdulkadir Ahmed Mohammed li għandu l-istess konnotati identiċi tal-imputat odjern, ġie kkundannat tnejn u erbgħin xahar priġunerija (Dok. SG8);

- Sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Marzu 2013 fl-ismijiet **The Police (Inspector Daryl Borg) v. Ahmed Abdulkadir Ahmed Mohamed et** fejn wieħed mill-ħatja, Ahmed Mohammed Abdulkadir,

li għandu l-istess konnotati identiċi tal-imputat odjern, ġie kkundannat sena priġunerija liema sentenza ġiet sospiża għal sentejn bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 (Dok. SG9); u

- Sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) v. Abdulkadir Ahmed Mohammed**, fejn il-ħati, li għandu l-istess konnotati identiċi tal-imputat odjern, ġie kkundannat sitt xhur priġunerija u multa ta' €950 (Dok. SG10);

L-Assistent Reġistratur tal-Qorti ikkonfermat fix-xhieda tagħha illi ma kienx ġie interpost appell minn ebda waħda mis-sentenzi fuq imsemmija u kkonfermat ukoll illi l-multa ta' €950 inflitta fis-sentenza tal-21 ta' Mejju 2018 ma ġiex imħallsa.

Dan kollu magħdud ifisser illi huwa ppruvat sodisfaċjentement illi l-imputat ġie kundannat għal delitti permezz tliet sentenzi u llum qiegħed jinsab ħati dwar reati oħrajn sussegwentement kommessi minnu.  Għalhekk għandu jitqies bħala recidiv għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9.

L-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

Dan ifisser illi biex persuna titqies bħala reċidiv taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9, jeħtieġ li jiġi ppruvat li (i) l-piena għad-delitt li dwaru l-persuna ġiet ikkundannata tkun ġiet skontata u (ii) il-persuna tikkommetti delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn meta ġiet skontata l-piena jekk iż-żmien tal-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin fil-każijiet l-oħra kollha.

Applikat dan għas-sentenza Dok. SG10, datata 21 ta' Mejju 2018 fejn l-imputat ġie kkundannat sitt xhur priġunerija, evidentement din il-piena, li m'hijiex ta' iktar minn ħames snin, kellha tkun indiskutibbilment skontata sal-21 ta' Novembru 2018, li jfisser illi meta ġew kommessi r-reati li qed jinsab ħati dwarhom llum, ma kienux għaddew ħames snin minn meta ġiet skontata din is-sentenza, anke jekk għas-saħħa tal-argoment, il-piena ġiet skontata qabel id-data msemmija. Għalhekk, billi l-imputat qed jinsab ħati ta' delitt li ġie kommess fi żmien ħames snin mid-data li fiha ġiet skontata l-piena, għandu jitqies bħala reċidiv għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9 u konsegwentement mhux meħtieġ li jiġi mistħarreġ jekk jikkonkorrux l-elementi tar-reċidiva taħt l-istess artikolu 50 ukoll b'riferenza għaż-żewġ sentenzi l-oħra fuq imsemmija.

Huwa ppruvat permezz tal-kopja awtentikata tas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2020 (Dok. SG8) kif ukoll is-sentenza mogħtija fil-21 ta' Marzu 2013 (Dok. SG9) illi l-imputat diġa' instab ħati u ġie kundannat darbtejn qabel għar-reat ta' serq u għalhekk jikkonsegwi illi din sejra tkun it-tielet kundanna tiegħu.

Ikkunsidrat;

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati kommessi fejn il-vittma safa attakkat u msawwat u bħala riżultat sofra offiżi f'diversi partijiet ta' ġismu inkluż fuq rasu, kif ukoll il-fedina penali pjuttost oneruża tal-imputat li ġie kundannat diversi drabi qabel inkluż darbtejn għar-reat ta' serq, u l-fatt li huwa reċidiv taħt l-artikolu 50 u 289 tal-Kap. 9.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi għalkemm l-imputat qed jinstab ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet, ċioe' ir-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza u l-ħin u r-reat ta' offiżi volontarji fuq il-vittma, Akhil George, huwa evidenti li l-vjolenza ġiet kommessa bħala mezz biex isir ir-reat ta' serq u għalhekk, għandha tingħata l-piena biss għar-reat l-aktar gravi li f'dan il-każ huwa l-istess reat ta' serq aggravat bil-vjolenza taħt l-artikolu 274(b) tal-Kap. 9, addebitat fl-ewwel imputazzjoni, fejn il-piena applikabbli

hija dik ta' priġunerija minn sentejn sa ħames snin liema piena bl-applikazzjoni tal-artikolu 277(a) tal-istess Kap. 9 ma tingħatax fil-minimum.

Il-Qorti qieset ukoll il-gravita` tas-serqa li l-imputat gie akkużat li kkommetta flimkien ma' persuni oħrajn. Aġir bħal dan huwa kundannabbli bl-iktar mod iebes għaliex l-effett inevitabbli ta' dawn id-delitti huwa t-trawmatizzar ta' persuni li jkunu għaddejjin għall-affarijiet tagħhom u konsegwentement it-tnissil ta' biża' fost il-membri tas-soċjeta' għas-sigurta' personali tagħhom u l-inkolumita' tal-proprjeta' tagħhom.

Magħdud dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tinfliggi piena karcerarja effettiva.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni taħt l-artikoli 86 u 87 tal-Kodiċi Kriminali u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 17(h), 20, 31, 49, 50, 214, 215, 221(1), 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 274(ċ), 277(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil AHMED MOHAMMED ABDULKADIR ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u tikkundannah tliet (3) snin u nofs priġunerija effettiva.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali, kull żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' ħtija u l-kundanna li tulu l-ħati ikun inżamm fil-ħabs għar-reati li tagħhom ġie hekk misjub ħati u kkundannat b'din is-sentenza, li ma jkunx żmien magħmul fil-ħabs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija taħt din il-kundanna.**

**Għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Akhil George, għal perijodu ta' tliet (3) snin, liema perijodu jibda jgħodd mid-data li fiha tiġi skontata s-sentenza.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur is-somma ta' erba' mija u sebgħa u sittin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€467.21) ċioe' nofs l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri[16], u għal dan il-għan tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[16] €320.82 – Dr Edward Cherubino (Dok. EC1) u €613.60 – Dr. Martin Bajada (Dok. MB1).